TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1508

KAZ NRU. 1767

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Mclean

u

Buxom Poultry Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

10/5/04.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz tressaq quddiem it-Tribunal Industrijali b'rikors datat 14 ta' Mejju 2003.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Joseph Mclean, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Christine Bondin u Buxom Poultry Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata minn Mary Rose Baldacchino assistita mill-Avukat Katja Azzopardi.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant sostna li gie mkecci ngustament ghaliex minkejja li r-raguni li tat il-Kumpanija kienet *redundancy,* xi granet qabel ma tkecca giet mpjegata tfajla fl-istess taqsima tal-Kumpanija. Barra minn hekk jumejn wara li tkecca deher avviz fil-gazzetta *The Times* ghall-impieg ta' *Night Shift Production Supervisor* u ta' *Quality Controller,* xoghol li ghalih l-appellant kellu esperjenza xierqa.

Il-Kumpanija qalet li wara li gie ngaggat l-appellant kien hemm bdil fix-*shareholders* u fil-*management* u saret ristrutturazzjoni tal-Kumpanija li minnha rrezulta li mpjegat wiehed fl-amministrazzjoni kien bizzejjed. Billi l-appellant kien l-ahhar li gie mpjegat gie idikjarat *redundant* ghaliex l-postijiet li gew reklamati ma kienux adattati ghalih.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li :

- il-*management* il-gdid tal-Kumpanija riorganizza x-xoghol b'mod li seta' jnaqqas impjegat mis-sezzjoni ta' l-amministrazzjoni ;
- l-appellant kien l-ahhar wiehed li gie mpjegat f'din is-sezzjoni ;
- il-postijiet li gew reklamati ma kienux fl-istess grad ta' l-appellant u ma kellux l-attributi biex jimlihom ;
- ma gie impjegat hadd minflok l-appellant. It-tfajla li giet impjegata wara li gie terminat l-impieg ta' l-appellant, fil-fatt giet impjegata ma kumpanija ohra, Borg Cold Stores, bhala Segretarja tal-*Managing Director* u mhux fil-kariga li kellu l-appellant.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni saret ghal raguni ta' *redundancy* u ma jiehux aktar konjizzjoni tal-kaz.

It-Tribunal baqa fid-dubju dwar dak li sehh meta gie mpjegat l-appellant. Fix-xhieda tieghu dan jghid li qabel ma ta n-*notice* ghall-impieg li kellu talab assigurazzjoni lir-rapprezentant tal-Kumpanija li kien hemm prospett ta' mpieg fit-tul. Huwa inata din l-assigurazzjoni u aktar minn hekk qalulu li l-Kumpanija trid tespandi. Minn naha l-ohra r-rapprezentant tal-Kumpanija qalet "Jiena naf li qalli li kien irrizenja, telaq, ghazel li jitlaq whatever minn impieg iehor .........". It-Tribunal jidhirlu li, ghalkemm il-Kumpanija kellha raguni legali valida biex tittermina l-impieg tal-appellant, **jekk kienet weghditu permanenza fl-impieg** kellha wkoll risponsabbilta morali lejn impjegat, li kien haddiem tajjeb, ghall-konsegwenzi li gabitlu t-tkeccija. Sfortunatament f'qasir zmien spicca bla xoghol. Il-Kumpanija zgur taf jekk saritx xi weghda lill-appellant meta gie mpjegat. **Jekk saret** it-Tribunal jappella lill-Kumpanija li tkun generuza u tati xi kumpens lill-appellant *ex gratia* ghalkemm ma jistghax jimponi li taghmel dan.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk item din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja